**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 17**

**Avviz numru 647/02JR**

**MLR Imports Limited**

**vs**

**M.F.P. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-18 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm683.99), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija relatata ma' oggetti tal-gnien. Il-bejgh mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta sar fis-sena 2000 u 2001 (Dok.A sa I).**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Reno Baldacchino ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm683.99).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**